## IL-BNIEDEM FID-DINJA

Aħna niġu ġewwa d-dinja
Bla ma naħsbu u la nitkellmu,
Xinhi d-dinja iżda nagħarfu
U bil-biki lilha nsellmu.

Hi tgħidilna: "Uliedi, minni
Ser ikollkom biss taħbit;
Toqogħdux tistennew hena,
Jien ma fini l-ebda ġid".

Qabel jibda t-taħbit tagħna
Aħna nħabbtu missier w omm,
Dak irid jaħseb għalina
Biex fix-xaba' lilna jżomm;

W ommna wara li ħalibha
Tkun bil-ħniena lilna tat,
Bina jkollha tibqa' mħabbta
Għax bla għaqal u bla q'għad.

Sakemm għaqal ma jiġina
Fiż-żgħurija mhennijin
Aħna nibqgħu: kemm indumu?
Malajr jaqgħu fuqna s-snin.

U ibda tħabat! fqir u għani
Għalik hena iżjed ma hemmx:
Din hi l-liġi — Għandu jbati
Kull min jimxi taħt ix-xemx.

Liema bniedem qatt fid-dinja
Xinhu l-hena jista' jgħid?
Nara lili u 'l ħaddieħor...
Kulħadd għandu xi taħbit.

Min qal hena l-ewwel darba
Ma qalux għax jaf xinhu;
Xebbhu f'rasu, xtiequ f'qalbu
Iżda qatt ma ġarrbu hu.

## IŻ-ŻGĦUŻIJA

L-isbaħ biċċa ta' ħajjitna,
Kif igħidu, hi ż-żgħużija,
Għax saħħitna, għax ħilitna
Fiha tikber, tieħu qies;

Iżda hena, iżda sbuħija
Ma fihiex kemm tgħid in-nies.

Hekk kif f'wiċċna tidher tibda
Xi turija l'aħna kbirna,
Il-qalb tagħna tħoss xi ġibda,
U tkarkarna fejn hi trid:

Deni jitla' għal sidirna,
Li bla għaqal naħsbuh ġid.

Xi daqsxejn ta' mħabba fina
Hawn titwieled, li bil-ħlewwa
Naraw aħna li tħennina,
X'jiġi minnha ma naħsbux;

Għomi, meta tidħol sewwa,
Ħlief taħbit ma naqilgħux.

Iżjed nikbru u jaħtiġilna
Nibdew naħsbu għall-ħobż tagħna,
L-akbar ħsieb illi jaslilna
Huwa da' u ma jħalliniex,

Għaliex min ikun jitmagħna
Id ġol-oħra ma jridniex.

Tal-idejn, tal-moħħ xi għelma
Niesna trakhom iqabbduna,
Tal-imrar nixorbu l-ilma
Sakemm nieħdu xi tagħlim;

L-imgħallmin meta jerħuna
Ma jkollniex ħlief xi tilqim.

Henjin aħna jekk f'xi drawwa
Iż-żgħużija ma ġebitna;
Tad-drawwiet il-ħżiena l-qawwa
Naraw tiġbed bosta wħud:

Il-ħżunija wisq għalbitna
U sa ż-żgħir biha meħud.

Bl-ebda għaqal moħħna mtajjar
Tgħid in-nies illi tarana;
Ah, kemm drabi ġewwa mgħajjar
Ikun fina ma nurux!

Lilna n-nies taħseb ferħana
U x'joqtolna ma jafux.

Għalaqt ħamsa u għoxrin sena
Jiena immela fiż-żgħużija,
Iżda fejn u fejn hu l-hena?
Min jurini tiegħu t-triq?

Hemm, taħbit kienet għalija,
Li naqbiżha fis nixtieq.

## IŻ-ŻGĦURIJA

O żmien ħelu, kif għaddejtli,
Żmien ta' meta kont bla ħtija!
It-tifkira biss ħallejtli
Biex il-għira nħoss għalik:

Int ma tarġa' iżjed għalija,
U sal-mewt indum nibkik.

La taħbit, la ħsieb għall-ħajja
Fiż-żgħurija ma jgħabbina,
Ma tnikkitna l-ebda ġrajja,
L-ebda għali, l-ebda hemm;

Kollox ward ikun għalina,
Xewk għal qlubna ma jkunx hemm.

Kollu wieħed jidlam, jisbaħ,
X'inhu llum ebda ma nfittxu,
Nittennew l-għada jkun isbaħ,
Bla ma naħsbu x'jista' jsir;

Għal kull xejn tarana nżiġġu,
Għal kull ħaġa qalbna ttir.

Sajf u xitwa fiż-żgħurija
Il-qalb dejjem hienja żżommha,
Tgħaddi fuqna x-xemx qawwija,
Jew tal-kesħa jgħaddi r-riħ...

Ma jiksirna ħard la għomma,
U kull żmien naraw sabiħ.

Iżda x'ħaġa! fiż-żgħurija
Ma nintebħu xejn bil-hena
Li bih qalbna tkun mimlija,
Ma nagħarfu deni u ġid:

Wara l-erbatax-il sena
Dik il-ħajja kieku trid.

O żmien ħelu, għax bis-serqa
Tgħaddi w tmur bla ħadd ma jsibek?
Bħala leħħa minn' ta' berqa
Għaddejt fuqi u ġejt meħud:

Li kont nista' nerġa' nġibek
Kieku fik irrid immut.

## IS-SENA L-ĠDIDA

Is-sena l-ġdida daħlet; Alla jtina
Illi tajjeb sal-aħħar intemmuha,
U l-hena nitolbuh illi jurina
Sabiex mill-isbaħ snin aħna ngħodduha.

Ikun għamilna fejda u ġid għalina
Biex bil-qalb kollha fl-aħħar inberkuha;
Biss għamil tajjeb jidher dejjem fina,
Mn'idejn Alla kull ħaġa wkoll neħduha.

Qawwa l-marid, sabar il-fqir, u sliema
Ikollu l-baħri biex il beltu jara,
Il-għonja dawl, u xogħol il-ħaddiema.

Bħal aħwa nieqfu ma' xulxin, kif Alla
Jitlob mill-bniedem, mimlijin bil-ħrara
Wieħed għal ieħor, kif miktub Hu ħalla.

## L-ARMLA

Bil-hemm, bil-biki d-dinja wisq mimlija,
Għodwa ma tisbaħ li ma jikbi ħadd,
Kif kulljum nara jien, u drabi fija.

Daqqa dak, daqqa dak, iżda kulħadd
Kellu, għandu, jo jkollu jwaġġa' qalbu,
U ħadd ma jgħid — "Ma bkejt, ma nibki qatt".

Min dak l-hemm, min dak l-uġigħ isallbu,
Hieni min jista' fis jeħles minn hemmu,
U fih ma jibqa' sakemm wisq igħallbu.

Fost l-akbar weġgħa l qalb li nistgħu nsemmu,
Jien nara meta r-raġel titlef mara
Li kienet biss titgħajjex b'għarqu u demmu.

Dit-telfa hi wisq, li minnha jiġi wara
Hu ħaġa trieghed; omm fqira, miskina......
Fuq uliedha min qatt jista' jsabbarha!......

Jekk Alla ma jħarisx ħarsa ħanina
Fuqha mis-sema, ħadd ma jkun għaliha,
U x'inhu l-akbar hemm l-armla turina.

Tara kulħadd iwarrab u jħalliha,
Dawk li dari ta' ġewwa lkoll jitbiegħdu,
U saħansitra niesha l-ġenb tatiha.

Jista' jkun, dawn għall-ewwel lilha jqiegħdu
F'xi tama, iżda ftit ftit jibdew jerħuha,
U jonqsu f'qasir żmien minn kull ma wegħdu.

B'xi kliem il-barranin biss iserrħuha;
Il-għonja tittamaha, u l-kbarat
Mitlubin għal xi faraġ, ma jagħtuha.

Xinhu li trid min-nies qatt ma tkun rat
Għadha l-imsejkna, u ġġarrab il-mistħija,
Li ġġib fil-qalb uġigħ li ma jingħad.

Għal uliedha bla ġid, bla snien, bla ħtija
Tħabrek sabiex fil-ġuħ lilhom ma tara,
U kemm tista' tbegħidhom mit-tbatija.

Tikber ġo qalbha għal uliedha l-ħrara,
Għax tieħu s-sehem li għalihom kellu
Missierhom, qabel lilha ġrat il-ħsara.

U t-tfal f'idejha biss ruħhom iwellu,
Ma jgħarfux fid-dinja ebda għajr lilha:
B'xi faraġ minnha biss huma jibtellu.

Uh, għal qalb l-armla kemm, kemm hi qalila,
Xħin trid uħidha taħseb għall-iltiema,
U għal wisq ħteġijiet nuqqas jiġilha!

U jekk għall-ħobż it-tfal tibki quddiemha!
U jekk ilħamhom jidher?...... O Mulejja,
Int għixt fid-dinja fqir, int isma kliemha!

Niskot, għaliex id-dmugħ wasal f'għajnejja.

## IŻ-ŻAGĦŻUGĦ U X-XIĦ

Żagħżugħ lix-xiħ: — "Li kont felħan kemm merħi,
Kieku kont ittih xebgħa lil Sansun".

U lilu x-xiħ: — "Li kellek għerf kemm bluha,
kieku egħref int bil-wisq minn Salamun".

Ma għandna qatt niddieħku
Bix-xjuħ li xejn ma tfittxna,
Għaliex wisq drabi jiġri
Li d-daħka tibqa' f'wiċċna.

## BIDU MALTA U ĠENSHA

Minn xhin Alla d-dinja ħalaq
Bl-iġbla għaliha u l-ilmijiet
Ilha Malta, li bħal kewkba
Donna waqgħet mis-smewwiet.

Qabel l-ilma d-dinja għarraq
Malta kienet mal-art kbira,
Qawwet l-ilma din l-art forqot,
Malta ngħażlet u sfat gżira.

Għadda ż-żmien, minn riġel bniedem
Baqgħet Malta bla mirfusa,
Biss ix-xemx kienet iżżurha,
Biss il-baħar kien ibusha.

Hemm min jikteb illi f'Malta
Ġens il-ġganti l-ewwel dam,
Nies b'għajn waħda: xej' ma nemmen,
Ma rridx nimxi ġewwa d-dlam.

Ftit Feniċi ħallew bliethom
U bejn sema u ilma għabu;
Nies qalbiena, nies baħrija
Resqu f'art, u 'l Malta sabu.

Fuqha niżlu u għarrkobbtejhom
Iżżew ħajr lix-Xemx Allahom;
Raw li l-art sabiħa u tajba,
Li jżommuha malajr tahom.

Baqgħu fuqha, l-art bdew jaħdmu
Li qamħ tathom u ħaxix;
U b'hekk Malta lilhom qalet:
Ja Feniċi, tħallunix!

Qagħdu żmien u lilha għanu
Bil-għerf tagħhom, bid-dirgħaj',
Fi ftit snin imtliet il-gżira
B'elf bejjiegħ u b'elf ragħaj.

Kienu n-nies li lilna ġennsu
Il-Feniċi qalbenin;
Min ilumni jekk inxandar
L'aħna minnhom imnisslin —

U nixbhuhom?... nies ħaddiema
Nies ħawtiela 'l ġensna bdew,
U l-Maltin mad-dinja kollha
Għal dal-ħwejjeġ jissemmew.

## TIFĦIRA LIL MALTA

Int sabiħa, o Malta tagħna!
Mhux għax Malti nfaħħrek jien;
Issemmik id-dinja kollha,
Magħruf ġmielek kullimkien.

Imgħottija bl-isbaħ sema,
L-ogħna dawl ix-xemx tatik,
Ma xxawtekx, bil-ħlewwa ssaħħnek,
Ġid iġġiblek u tqawwik.

Fik il-bard lil ħadd ma jikser,
Meta x-xemx tgħaddilek bgħid,
Ma jiġix inhar tul sena
Illi ma jsaħħnekx xi ftit.

U l-art tiegħek kull ma tagħmel
Kollu tajjeb, kollu bnin;
Ġewwa bliethom il-frott tiegħek
Jixtequh wisq barranin.

Illi l-ġid bil-wisq tatina (*)
Qaluh fl-ibgħad żmenijiet;
F'lli tagħti għad li żgħira
Tisboq il bosta artijiet.

B'kull tifħir, o Gżira mbierka,
Il-għorrief semmewk, kitbuk;
Għal insiġ idejn uliedek (†)
Elfejn sena ilu faħħruk.

Liema ħaġa li fik tinbet
Tieba u benna ma turix?
Il-larinġa, il-frawla tiegħek
Min fid-dinja ma jsemmix?

---

(*) Fertilis est Melite, sterili vicina Cosyrae — Ovid.
† Ciċero: In Verrem, 4.

U x'ingħid mill-għasel tiegħek,
Liema bniedem ma jfaħħrux?
Jekk iduru d-dinja kollha
Oħla minnu ma jsibux.

Fik il-qronfla, fik il-warda
Biex tħawwilhom l-anġli ġiet;
Imkien ġmielhom, imkien bħalhom,
Fihom riħa tas-smewwiet.

Ġewwa fik, o Gżira tagħna,
Ħlief il-ħlewwa ma tidhirx;
U kif le, jekk ismek, ismek
Ħlief il-għasel ma jfissirx?......

### IL-PORT TA' MALTA

Fost il-ħwejjeġ sbieħ li għandna
Għandna l-Port bil-wisq imfaħħar;
Mhux għal xej' tara l-barrani
Li għal ġmielu jibqa' msaħħar.

Mill-iswar li lilu jdawru
Ma tikxiflu kullimkien;
Ġo fih tara bħala dgħajjes
L-isbaħ, l-ikbar, l-aqwa ġfien.

Tul u wisa' u ilma għali
Fih kemm trid u kemm tixtieq,
Sa minn barra tasal ġewwa
Tista' tgħid l-ixxabba' t-triq.

Ġewwa fih għad li Port wieħed
Inti tara erba' daħliet,
Li jgħodduhom fi bliet oħra
Sa mill-isbaħ portijiet.

L-ogħla swar, l-iżjed qawwija
Ġewwa nofshom igħalquh,
Jekk xi għadu jrid fih jidħol,
Minn wisq bgħid huma jżommuh.

Ara x'dell fil-baħar waqqgħu
Ta' Sant'Anġlu l-għolja swar,
Ħalli jersqu taħt ħitanek,
O Sant'Anġlu, ġ-ġfien il-kbar!

• Dwar l-elf sena ilhom mibnija
U mfaħħrin dawk il-ħitan;
Meta nbnew l-Ewropa kollha
Ma kelliex kastell bħal dan.

F'nofs il-Port Sant'Anġlu l-qawwi
Bħala ġgant li jindukrah;
Ir-Rikażli l barra minnu
Sabiħ qawwi wkoll tarah.

Ma nsemmix ebda ġmiel ieħor.
Li f'dal-Port jien nista' nsib:
Iżda lè sbuħija kbira
Xi ħaġa oħra l'lu ġġib.

Hu sabiħ, iżda ġmiel iżjed
U iżjed żina min jatih?...
Huma ġ-ġfien tal-Ingilterra
Meta jkunu ġewwa fih.

Lejhom ħares, lilhom tara,
Bħala slaten minn tal-baħar,
Tgħid ikollok: "L-Ingilterra
Tassew għandha biex tiftaħar".

Tara dieħla l-"Queen Victoria"
Donnu l-Port ferħan jilqagħha;
Hi fi' ġmiel, u żżidlu żina
U hu jkabbar il-ġmiel tagħha.

Tara Ġifen minnu ħiereġ
Taħt il-qlugħ bojod ħamiema,
Ilma l-Port quddiemu jilgħab
U tistħajlu jtih is-sliema.

Ġo dal-Port iġ-ġfien qawwija
Ta' Vittorja (li tħennina!)
Ġo dal-Port minn mindu daħlu
Alla laqqa' l-ġmiel maż-żina.

## TAS-SLIEMA

Art imżejna bit-thennija
O tas-Sliema, narak jien:
Fik il-ferħ, l-imbierek hena
Nara jgħammar kullimkien.

Fejn il-għorof dari jidhru
Tal-imsejken, tas-sajjied,
Illum bini mqejjes jidher
Bis-sbuħija tal-ibliet.

Ġonna u baħar, o żewġ ħwejjeġ
Mixteqin minn bosta nies!
Sbieħ il-ġonna, ihenni l-baħar,
Ma flimkien kemm huma għeżież!

Xatt il-baħar f'dawl il-qamar
Tara joqgħod lil kulħadd,
Min idoqq u min igħanni
Ġenna jsir tarah ix-Xatt.

U minn hawn, minn hinn, tismagħlek
Għana mqejjes fuq id-daqq,
Illi l qalbek ikabbarlek
U jhennik ta' tabilħaqq.

Tisma' l-għana tal-imħabba
Li jnebbaħlek it-tifkir
Ta' xi żmien li fih bil-ġwienaħ
Tal-imħabba kont ittir.

Tisma' leħen kollu mbikki
Ta' xi waħda mix-xbejbiet,
Li ttawwallek fuq il-kordi
Bl-akbar ħlewwa dal-kelmiet:

"L'lek ir-riħ iwassal*
Il-kliem ta' nar l-imħabba;
Ftakar fl-għajjat tal-baħar
L-uġigħ li f'qalbi trabba,

---

* "Verrano a te sull'aura" Lucia di Lammermoor.

X'ħin taħseb li għall-biki
Tajt ruħi u għat-tnehid.
"Dal-ħatem biki jġiblek
X'ħin tħares lejn di' l-id!

"Lejn is-sema int ftaħt il-ġwienaħ†
Ruħ maħbuba, kollok żina!
Lejja ħares b'għajn ħanina
Jitla' ħdejk min tigħak kien!

Jekk il-qilla tal-bnedmin
Lilna ġiebet dana kollu......
Jekk fl-art konna mifruqin,
Ġos-sema nkunu flimkien!"

Kif tħoss qalbek tibki u toħla
Jekk f'dil-ħaġa drabi wqajt,
Jekk int kellek xi maħbuba
Li għall-aħħar darba rajt.

Mhux il-għana biss le tisma'
Li jnebbaħlek ħsieb qalil,
Tisma' wkoll bi ħlewwa kbira
Ta' tħennija u ferħ taqbil.

L-isbaħ daqq u l-isbaħ għana
Ġo tas-Sliema tisma' tmur;
Fuq dik l-art mis-sema mbierka
Tas-sajf ġranet jidhru x-xhur.

O tas-Sliema! dan il-ħena
Tati l dawk li jgħammru fik;
U billi int tħenni lilhom
Kull foħrija jien nagħtik.

---

† Tu che a Dio spiegasti l'ali ecc.

## IS-SULTAN LA VALETTE

### Lill-Belt Valletta

Belt ta' qalbi, binti ħelwa,
Jien minn qabri qomt narak;
Tagħarfux il-missier tiegħek
Li rabbiek u l-barka tak?

Għaliex ġebla fik ma nara
Illi xxebbaħ il-wiċċ tiegħi?
Fi kburitek għax insejtni?
X'kont tkun int li ma kienx driegħi?

Jien għalik (u tafu d-dinja)
Jiena kont l-akbar Sultan,
Jien għallejtek fuq bliet oħra,
Jien libbistek il-ħitan.

Min qatt kisrek minn x'ħin jiena
Lilek bnejt u qgħadt ġo fik?
Ħalli jgħidu wlied l-Imħammed
Li mitt darba ġew għalik.

Huma ġew u fuqek n'żlu
Minn xi xtajta bgħida mwarrba,
Ma xħin rjedu għalik jaħbtu
Ħadu l-mewt u ġrew għall-ħarba.

Is-sejf tiegħi ma kienx qiegħed
Fit-taqbida mal-kefrin,
Għad li xagħri kien tajjara
Kont quddiem il-quddemin.

Ta' San Ġwann it-tajfa kollha
Kienet miegħi ċċarċar demmha,
U fil-qatta l-ulied tiegħek
Bis-sjuf f'idhom jien rajt hemma.

U, Alla jbierek! liema ħila
Il-Maltin nisa ma wrew?......
Sa bit-trabi fuq dirgħajhom
Għat-taqbida magħna ġew!

Das-salib, l-imħabba tiegħek,
Kienu l-qawwa ta' dirgħajja,
U l-egħdewwa minn quddiemi
Jien ġerrejthom qtajja qtajja.

Dawk il-kiefra kienu jifhmu
Li jeħduk minn ġewwa jdejja
Xi ħadd iżda bis-sejf f'idu
(Ma jidhirx) kien jinsab ħdejja.

Kien San Pawl li lilek għammed
U fetaħlek dak il-ktieb
Li bih wemmnek kif Bin Alla
Biex jirbaħna fl-art inġieb.

U min sata' qatt jagħelbek
Jekk San Pawl ġo nofsna kien?
Hu għalik mis-sema qabeż,
U mill-art qbiżt għalik jien.

Aħna rbaħna u n-Nofs Qamar
Beka d-demm u mar jistrieħ,
Jien bqajt fik ferħan u hieni
Bħal Sultan u bħal rebbieħ.

Lilek bgħid ridt inżomm dejjem
Minn kull deni, minn kull hemm,
Ridt inżommok bħala Knisja,
Ma ridtx fik inxerred demm.

Ma n-Nofs Qamar ried ijassrek
U l-Quran ġo fik iġib,
X'kelli nagħmel jien missierek
Hlief bid-demm ingagħlu jgħib?

Għalkemm ħdimt għalik, ja Binti;
Għal kemm kienet ħelwa l-ħkima,
Jien jidhirli li ma għandha
Tonqos fik għalija l-qima.

F'bosta wħud, ja Binti, tfakkar
Madwar swarek lill-barrani,
Ma 'k irid jara l-wiċċ tiegħi,
Fejn tibagħtu biex jarani?

Tajtek ġidi, tajtek għarqi,
Tajtek demmi, u kullma fija,
Biss nitlobok għal dan kollu
Tal-wiċċ tiegħi xi turija.

## IS-SULTAN WIGNACOURT U L-MALTIN

(*L-ewwel darba li rmiet il-għajn fil-Belt*).

### WIGNACOURT

Bl-ogħla ferħ jiena qalbi mimlija,
Għax ferħana l-qalb tagħkom qed nara;
Oh! tal-hena x-xemx telgħet għalija,
Għal dil-Gżira ta' Pawlu l-ħanin.

L-ilma hu magħna! d'n kienet il-ħrara
Tiegħi u tagħkom, ja wliedi Maltin.

### IL-MALTIN

L-ilma ġie, għall-ħniena t'Alla,
U issa lkoll bih nithennew,
Safi u tajjeb bħala qalbek
Li ftit slaten bħalha wrew.

Wignacourt, it-talb ta' qlubna
Jekk int għoġbok smajt u ħadt,
Wignacourt, l-isem kbir tiegħek
Ġewwa Malta ma jmut qatt.

### WIGNACOURT

X'inhu l-hena tas-slaten li bħali
Hlief il-ġid tan-nies tagħhom, ja wliedi?
Filli nista' tarawni intom ħali
Ma' dil-Gżira, u rridilkom kull ġid:

Biss għalikom ta' qalbi l-ewgħiedi,
Wignacourt ihennikom irid.

### IL-MALTIN

Dak il-hena li tridilna
Quddiem Alla tmur issib:
Għax ħlas ieħor ma jiswielu
Min bħal tiegħek qalb iġib.

Jekk dil-belt mill-kbir Valletta
Ġiet maħluqa u minnu nbniet,
Iżda mgħammda bl-ilma minnek
Nistgħu ngħidu li hi ġiet.

**WIGNACOURT**

Is-salib illi f'sidri nġib jiena,
Li għalih ħlift inċarċar il demmi,
Ma jgħallimni ħlief tieba u ħniena,
U għalhekk m'għamilt żejjed jien xejn.

Lil Valletta l-Maltin għandha ssemmi,
Sultan bħalu ma jsibu f'elfejn.

**IL-MALTIN**

Jħennih Alla fis-sema
Għalli għamel, għalli ta,
Qalbu tajba, qalbu kbira,
Dak l'imissu s'issa ħa.

Iżda miegħu l-isem tiegħek
Għandu jimxi fil-qarib;
O Valletta, o Wignacourt,
L-isem tagħkom qatt ma jgħib.

**WIGNACOURT**

'Ma nitlobkom tinsewx lil dawk kollha
Lil għall-ilma ħabirku wkoll miegħi,
Maltin għonja li ġewni bil-folla
Jagħmlu jdejhom għan-nefqa tal-flus:

Ma rridx flus t'ebda ħadd! bil-flus tiegħi
L-ilma rrid, u l-għajn ninżel inbus.

**IL-MALTIN**

Kemm imħabba nistgħu nġibu,
Wignacourt, għandna għalik,
Għalli għamilt fil-Gżira tagħna
Fis-smewwiet Alla jħennik!

Wignacourt, it-talb ta' qlubna
Jekk int għoġbok smajt u ħadt,
Wignacourt, l-isem kbir tiegħek
Ġewwa Malta ma jmut qatt.

## MANNARINO

*Storia dei prischi tempi a che sull'ali*
*Col fosco velo innanzi a me t'arresti?......*
*.................................................*
*Ma ti resisto indarno... seco m'assali*
*Dei casi antiqui cui pensier funesti.*
(Ximenes. Narranza di L. De Caro).

### I

### MANNARINU LILL-MALTIN

Maltin, ersqu...! ħudu kliemi,
Jien mis-Sema nħossni mħabbar......
Li ma nuri l-ħsieb li għandi
Lili ħadd ma jista' jsabbar!

Jekk ma tħossu fiex tinsabu
Innebbaħkom irrid jien,
Alla tani dawl biżżejjed,
Tani qalb u tani lsien.

Ilha wisq marida qalbi
Fuq li ġralha din il-Gżira......
F'kelma waħda rrid ingħidu
Aħna lsiera, Malta lsira!

Dawna r-rhieb li fuqna jaħkmu
Kull ġieħ tilfu, kull mistħija!
Jekk għat-tieba ħrara kellhom
Ilu żmien li ġiet mitfija.

Il-wegħdiet tas-Slaten mejta
Minn tal-lum ġew miksurin,
Il-jedd kollu ġewwa jdejhom......
X'jedd fadlilna, ja Maltin?

X'jista' l-Ħakem, x'jista' l-Isqof
Taħt il-qawwa tas-Sultan?
L-ebda jedd ma jistgħu jfaħħru,
Jagħmlu biss kif irid dan —

Kif irid il-*kelb ta' Spanja,*
Xiħ imtabba' minn kull dnub,
Dak Ximenes illi jgħatti
B'ġild ħarufi qalb ta' lup;

Is-Sultan u ta' madwaru
Mimlijin nara bil-ħjiena,
Kollox ġabru taħt idejhom
Mingħajr ħaqq u mingħajr ħniena.

Bl-ebda biża' kollox jagħmlu
Kull ħżunija, kull dnubiet;
Minnhom tibża' n-nisa tagħkom
Tibża' minnhom ix-xebbiet.

Min imur xi ħaqq jitlobhom
Lilu wiċċ ma jagħtu xejn,
Jekk għat-tieni darba jitlob
Isib ruħu... min jaf fejn!

Xejn timlew għajnejkom, ħuti,
Billi x-xaba' ntom taraw,
Għax b'dan biss narahom jaħsbu
Li dil-Gżira u lilna xtraw!

Ħobż jagħtuna, da nistqarru,
Fostna ħadd bil-ġuħ ma jmut:
X'jiswa l-ħobż, il-fidda, id-deheb
Jekk sa l-ħsieb għandna marbut?......

Jaħtieġ, l-aħwa, nuru rwieħna
Biex neħilsu l-Gżira tagħna
Minn dan-nies li bina qarrqu;
Nitma jien, Alla jkun magħna.

Naqilbuhom! Xejn la tibżgħu,
Ej ningħaqdu lkoll flimkien
U naħilfu li nġarrfuhom,
L-ewwel wieħed naħlef jien.

Kull min hu bin din il-Gżira
Għandu lilha demmu jagħti,
U min demmu lilha jiċħad
Quddiem Alla jinsab ħati.

Jekk it-toqol minn tal-jasar
Fuq irjusna kollu nġama',
Naqilbuhom! u mad-dinja
L-isem tagħna jmur jistama!

## II.

### MANNARINU FIL-ĦADID

Le ma nwaġġa' għax fuq ġismi
Nħoss it-toqol tal-ħadid,
Jien għalik, ħanina Malta,
Iżjed mn'hekk nitgħabba rrid.

Iva jiena għal imħabbtek
Kollu ridtu mċarċar demmi!
Ridt ingħinek, iżda s-Sema
Għoġbu jżid u jkabbar hemmi.

Minn dan-nies li għar iġibu
Kemm lis-sejf kemm lis-Salib
Ridt neħilsek, iżda s-Sema
Ġewwa ħabs ried lili jġib!

Ma kienx daqq il-ħin immela
Li jiġgarrfu l-misħutin:
Jasal iżda, jasal, Malta,
L'aħna nkunu meħlusin!

Titla', fl-aħħar, nitma f'Alla,
Xemx mix-xefaq li tarak
Bil-ferħ kollu tibqa' ħielsa
Minn min jifhem illi xtrak!

Mannarino, min jaf iżda
Tibqax ħaj sa dak il-jum?......
U min jaf f'dal-ħabs mudlami
Għal kemm snin tibqa' miżmum?......

Sal-mewt nibqa! iżda qanpiena
Mejta mejta smajt f'widnejja...
Uh, jaħasra! għall-mewt jimxu
Dawk li lbierah kienu ħdejja!

Alla magħkom, ħuti, wliedi,
Li għall-mewt intom sejrin
Għax ħabbejtu wisq lill-Gżira,
Intom tkunu qaddisin!

Għaliex jien ma ninsabx magħkom
Li kont fostkom l-ewwel wieħed?
Lil dil-mewt li għira ġġibli
Għaliex jien kelli nittieħed?

Kabbru qlubkom, aħna Nsara,
Minn dil-art intom għall-Ġenna!
Nitma jien li Kristu lilkom
Ġewwa ħdanu qed jistenna.

O Mulejja, li fuq għuda
Mitt sabiex il-jasar tħoll,
Af li dawn sejrin imutu
Għax il-jasar bagħdu wkoll!

Fis ilqagħhom ġewwa s-Sema
U għannaqhom bejn idejk,
Daqs kemm int qrib minn Missierek
Lilhom qrib iġbidhom lejk!

W int, o Malta, qatt la tinsa
Kullma għamilna mħabba fik,
Lil uliedek fakkar dejjem
Li kien hawn min miet għalik.

Jiena ridt inxerred demmi,
Xtaqt ukoll għalik immut!
Il-kefrin ħallewli ħajti
Biex jarawni hekk marbut!

Ma twaqqgħuni, għad li ridtu
Bil-ħadid ixxikklu l ġismi,
Mannarinu kont u nibqa',
Iregħidkom dejjem ismi.

Fl-aħħar tgħib il-kewkba tagħkom,
U terħuna, ja kefrin!
Jasal waqt li fih inkunu
Jien u Malta rebbeħin!

## III

### MANNARINU LIL BONAPARTI

Ġeneral, jekk Alla bagħtek
Sabiex tgħin lill-Gżira tiegħi,
Ħalli ninżel għarkobbtejja
Biex riġlejk inħaddan miegħi.

Meta l-ħabar wasal f'nofsna
L'inti riesaq lejn dil-Gżira
Kollha triegħdu l-kbarat tagħna,
F'qalbi jien ħadt ferħa kbira.

Dal-kbarat li fuqna jaħkmu
Jassru l Malta wil-Maltin;
Ħlief il-libsa xejn ma jġibu
Tal-kbarat il-lewlenin

Sjuf imsadda! ġfien u xwienj
Iżommuhom għall-fohrija,
Biex fis-sajf iduru dawra
Lejn il-Lvant, lejn Barbarija.

Xi xanbekk minn hemm iġibu
B'xi erba' Għarab imsejknin
Priża! Priża! u jbigħuhom,
Għax tbigħuhom, o kefrin...?

Illi bniedem ibiegħ ieħor
Fejn ħallieh Alla miktub?
Ġeneral, dan fuq l-Ewropa
Naraħ jiena l-akbar dnub.

Dejjem bgħadtu, u bgħadt ħaġ'oħra,
Li dal-ħabs qamet għalija,
Illi wieħed waħdu jaħkem
Bl-ebda lġiem, bl-ebda tmerija.

U fuq da magħluq haw' ġewwa
Ili bosta u bosta snin:
Għall-ħruxija ta' min jaħkem
Ridt inqajjem il-Maltin.

Ma stajtx naħmel illi f'Malta
Is-Sultan jagħmel l'irid,
U ġie f'rasi li b'taqliba
Jarġa' aħjar kollox minn ġdid.

Inti għaref f'dawn il-ħwejjeġ
Bonaparti, wieġeb lili —
Agħmilt jien ħażin jew tajjeb?
Liema għar issib f'għamili?

Kullma għamilt jien stqarrejthulek
Jekk f'dan kollu ssib xi ħtija,
Xih imjassar haw' quddiemek...
Dak li jogħġbok agħmel bija.

Iżda 'l Malta, Bonaparti,
Iżda 'l Malta taħqarhiex!
Dan jitolbok Mannarinu
U dit-talba tinsihiex.

IV.

## BONAPARTI LIL MANNARINU

Mannarinu; qabel jiena
F'Malta ġejt kont nisma' bik,
U fost ħsiebi wisq imqassam
Bosta drabi jien ħsibt fik.

Nistqarrhulek b'qalbi kollha,
Meta int ridt tixgħel il-Gżira,
Franza tiegħi kienet għadha
Ma stenbħitx min-nagħsa l-kbira.

U għalhekk, o Mannarinu,
Wiċċek ridt narah b'għajnejja;
Inti Raġel! ħalli ngħannqek,
Mannarinu, ġewwa jdejja!

Lilek Malta tista' tweġġeh,
Ta' Missier tista' ttik l-isem,
Sabbat fl-art edawk il-ħdejjed...
Holl u serraħ dak il-ġisem.

Inti ħieles minn dal-jasar,
Jien ma nsiblek l-ebda dnewwa;
Int urejt li tħobb il-bniedem,
Kullma għamilt xieraq u sewwa.

Gawdi 'l Malta bħal missierha,
Dana l-isem minnha writtu,
Ibqa' hieni f'Malta tiegħek,
(Jien immur nieħu l-Eġittu.)

## KLIEM TA' XIĦ

(*Minn "Lapsi"*)

Ixxalaw, ixxalaw, żgħażagħ,
Kemm bin-nhar u kemm bil-lejl:
Illum tagħkom u llum għoddu,
Xi jkun għada taħsbu xej'.

Kemm-il jum minn fuqna jgħaddi
Afu, wliedi, hu mirbuħ:
Iżfnu, doqqu, għannu, tqabżu
Kemm ittikom qalb u ruħ.

Sa kemm jibqgħu s-snin il-ħodor
Ix-xalar la titilfux;
Meta tmil is-sieq għall-ħofra
Tkunu tridu u ma tistgħux.

## LIL ĠANNINA

Għaliex qalbek sewda
Il-lejla, Ġannina?......
Ej', ej nagħmlu dawra
Flimkien, o ħanina.

Ġo sema kaħlani
Bil-kwiekeb miżrugħ
Il-qamar qed jiddi
Fi ġmielu merfugħ:

U b'dawlu tal-fidda
L-art kollha mimlija,
Emminni, Ġannina,
Thennik dik id-dija.

Is-sema ta' Malta
Kemm haw' min jixtieq!
Mhux wieħed barrani
Marid taħtu fieq.

Ilgħala mnejn qiegħda
Iżda inti ma tqumx?......
Mur, mur ilbes l-abjad,
O qalbi, u la ddumx.

Xejn titlef żmien f'xagħrek,
Maħlul hekk ħallih,
Bil-kemm bil-kemm ħelwa
Hemm fewġa tar-riħ.

Ħlief daqq il-kitarri
Is-skiet ma jiksirx;
U l-baħar il-lejla
Ħlief żejt ma jidhirx.

Imxi, imxi, Ġannina,
U mmorru sax-xatt,
Għal hemm nara nieżel
Jitfarraġ kulħadd.

Bħal art tad-djamanti
Il-baħar tarah,
Il-qamar fih jiddi
U l-ġmiel kollu tah.

Xi għanja nisimgħu
Mill-baħar fil-bgħid
U għana l-imħabba,
Ġannina, inti trid.

Jien qalbi nħoss togħla
Bil-ġmiel ta' bil-lejl;
Togħla iżjed la nkunu
Flimkien — hekk — it-tnejn.

Il-ġmiel ta' dil-lejla
Ma tafx kemm hu kbir,
Id-diqa kif toħroġ
Minn qalbek ittir.

Għall-qalb wisq għażiża
Hi lejla bħal din,
Bil-ġmiel tagħha tfakkrek
Fis-sema l-ħanin.

Ej, ejja, għad-dawra
Sejrin ix-xebbiet;
Ġannina minn qalbek
Imurlek is-swied.

## IL-ĦANINA ĠOL-KALKARA

X'lejla din kemm hi sabiħa
Kif tistiednek għan-namur!
Bilġri, bilġri sal-Kalkara
Bil-kitarra ser immur.

It-tir spara, l-għaxra darbu,
Ara l-ħin kif qarraq bija!
Lejn il-Belt nara n-nies ġejja
Iżda aħjar, aħjar għalija.

O tad-dgħajsa, fittex aqla'
Għall-Kalkara l-pruwa dawwar,
Għax il-lejla lill-ħanina
Żewġ għanjiet feħsiebi nsawwar.

Fittex aqdef, fittex aqdef,
Il-ħanina tistennieni,
Tridx jewwilla niġi ngħinek
Sabiex nasal aktar kmieni?

Ma tinsabx għaġġla hekk kbira,
Daqs il-għaġġla tan-namrat;
Ta' għasfur jixtieq il-ġwienaħ,
Jew il-ħeffa ta' fatat.

Jien inħossni ngħinek b'qalbi
Meta tiġbed il-moqdief:
Haw' niżżilni... aktar mid-dgħajsa
Għandi jien riġlejja ħfief.

## IN-NAMRAT

Lejl tas-sajf bid-dawl ta' qamar
Isbaħ minnu le ma hemmx;
Ġejt haw' jien biex nara l-qamar?......
Le, jien ġejt biex nara x-xemx.

Lilek xemx insejjaħ, xbejba
Li għajnejja mlejt bid-dija:
Jekk tassew, kif turi, tħobbni,
Ixref ftit fil-gallarija.

## IN-NAMRATA

Narra ninsa r-rakkmu, l-ħjata,
Jekk ma nħobbx lilek, ħanini,
Għaliex iżda, kiefer l'inti,
Nistenniek s'issa tħallini?

Xi ħadd ieħor ġewwa qalbek
Forsi żammek sa dal-ħin?
Forsi dik li żifnet miegħek
Meta konna fl-aħħar żfin?

I.

Narra ninsa naqra u nikteb
Jekk ma nħobbok daqs għajnejja!
Lilek biss ħabbejt, u nħobbok
Sa ma l-mewt titfaċċa lejja.

Li ma nħobbx lilek, ħanina,
U la nista' anqas irrid.
Int jassartni, ma f'dal-jasar
Nara l-hena ta' kull ġid.

II

Nemmnek jiena billi f'qalbi
Għalik għandi mħabba kbira:
Ma kif nista' nħobbok sewwa
Bla ma nħoss għalik xi għira?

Dik il-ħalja, l-aħħar darba,
Miegħek miegħek donnha ruħ,
Baqgħet tiżfen, u jien f'rokna
Mort imlejt maktur bid-dmugħ.

I

Waħdek waħdek inti f'qalbi
Inti biss il-hena tiegħi,
Nikteb, naqra, nimxi... u f'kollox
Jien nistħajlek dejjem miegħi.

II

Tista' tagħmel int da' kollu?......
Xej' ma nista' nagħmel jien!
Nibki biss fuq il-kitarra,
Iżda qagħad ma nsib imkien.

I

Xi tkun tgħanni, ja ħanina,
Jien nitolbok, għidli ftit?
Jekk il-għanja tkun għalija,
Għandi l-jedd, nismagħha rrid.

II

Inkun nibki fuq xortija,
Inkun nidgħi lill-Kalkara
Fej' ma nista' kif jogħġobni
U f'kull ħin jien lilek nara.

I

Ħares ħarsa lejn Sant'Anġlu
Ara s-swar humiex qawwija;
Daqs hekk ieħor, o ħanina,
Int qawwejt l-imħabba fija.

II

Xhieda nġiblek ta' l-imħabba
Ruħi, u qalbi, is-sema wkoll.

I

Titfi n-nar li f'qalbna trabba
Biss il-mewt li kollox tħoll.

II

Bonosira, bonosira,
Ħobbni dejjem u aħseb fija:
Jiena bik il-lejla noħlom
W int il-lejla toħlom bija.

## QRONFLA LIL LWIŻA

Dil-qronfla tiftaħ
Qgħadt jien nistenna,
Qronfla mill-isbaħ,
Fwieħa tal-ġenna:—

Fetħet u qtajtha
Għalik, o Lwiża,
F'idejk tkun isbaħ
U ssir għażiża.

Ma l-għala f'wiċċek
Xegħlu l-wardiet?......
Għala l-mistħija
Fuqek irtmiet?......

Din il-mistħija
Fuqek għalfejn?
Li tieħu qronfla
Ma fiha xejn.

Mal-lewn imbierek
Li hekk igħinek,
Mal-ward ta' wiċċek
Li hekk iżejnek,

Dil-qronfla, o Lwiża,
Wisq tajjeb tmur;
Il-ward, il-qronfol
Fik jiġi jżur.

Ħudha, o sabiħa,
Ħudha mn'idejja!...
(Bil-ferħ idemmgħu
Sejrin għajnejja).

Kemm saret isbaħ
Minn xħin hi f'idek!
Ma kieku f'ħobbok
Tqegħidha rridek

Il-għaliex f'ħobbok
Toqgħod aħjar:
Ma l-għala rġajtli
Mill-lewn in-nar?......

O Lwiża, Lwiża,
Għali nħoss fija
Għaliex quddiemi
Int hekk mistħija.

Ma dmiri nagħmel
L'int ma tibqax
Biex lilek iżjed
Hekk ma narax.

U biex ma tistħi
Jien indarrik,
Jew ward jew qronfol
Kulljum natik.

## WARDA LIL LWIŻA

Tgħidlix lè milli nitolbok,
Jekk x'imħabba tħoss għalija:
Nitolbok mn'idejja tieħu
Warda tfuħ, warda Maltija.

Mhux għaliex warda fi ġmielek
Tista' żżidlek, o Lwiżina;
Ġmielek kbir li xejn ma jonqsu,
Imma warda dejjem żina.

Kienet Venere s-sabiħa
Dejjem tiġbor l-isbaħ ward,
Kemm-il darba bih imżejna
Il-bniedmin lemħuha fl-art.

Inti ġmielek daqs ta' Venere:
Min ifissru għandu ħila?
Iżda lilek tixraq warda
Iżjed milli tixraq lilha.

Għaliex warda ġewwa jdejha
Kienet tixbah biss lil wiċċha;
Xi sbuħija ġewwa qalbha
Kont għalxejn, o Lwiża, tfittxha.

Iżda f'idek din il-warda
Lè biss wiċċek, qalbek tixbah;
U jekk ġmielek daqs ta' Venere
Qalbek, Wiża, għandek isbaħ!

## DOVIK U LIENA

Ġewwa ġnien illi fih mill-isbaħ siġar
Li bil-weraq ihennu l-art li taħthom
Għodwa waħda kien qiegħed bil-flejguta
Jgħaddi ż-żmien Dovik, żagħżugħ mir-raħal,
Li kien ihobb b'imħabba liema bħalha
Lil Liena, xebba li daqsinsew kellha
Ġmiel u mistħija f'wiċċha, wiċċ il-hena.
Dovik kull għodu kien jistenna lilha
Minn quddiem il-ġnien tgħaddi biex jithenna
B'ħarsa l'itiha, ħarsa ta' l-imħabba
U xi nofs daħka; hi għajnejha tniżżel
U hu jaraha ssir mill-lewn il-ġamra
U jġagħilha bħalkieku wkoll titbissem;
Iżda l-imħabba kienet lilu għalbet
Li ma sata' iżjed ma jkellimha u juri
Illi mingħajrha ma hu xejn fid-dinja.
Mela Dovik fil-għodwa li semmejna
Qata' li għandu lilha jwaqqaf, juri
L-imħabba li ma jista' iżjed ġo qalbu
Iżomm moħbija, x'irid ikun?... juriha.
Hu ġama' ħafna ward, waħda fuq waħda,
Dammu w rabtu bil-ħajta tar-raddiena,
Biex meta Liena tkun għaddejja, lejha
B'dil-ħannieqa f'idejh jersaq u lilha
Jkellem u jitkixxef dil-imħabba
Li qiegħda taħdem fih xi tmiem ikollha.
Biswit il-bieb tal-ġnien fuq xriek mar joqgħod
Biex sa mill-bgħid jilmaħ lil Liena ġejja,
U biex iż-żmien ma jarax twil għal xewqtu
Qabad igħanni għanja u kienet dina:

Omm il-ward, int, O Rebbiegħa,
L-isbaħ biċċa minn tas-sena,
Fik is-sema, l-art, il-baħar
Ġo l-imħabba kollhom hena.

Fik id-dinja tieħu l-ħajja,
Kemm-il ħaġa naraw aħna
F'kollox tidher is-sħuħija,
Biss bl-imħabba tkun mimlija.

Fiż-żmien tiegħek ix-xemx titla'
Bl-ogħla ġmiel tad-dawl minn tagħha
U bis-sħana ħelwa mbierka
Lill-imħabba tagħti saħħa.

Il-bnedmin, it-tjur, il-bhejjem,
Kollha jħossu ħaġa waħda,
U ħadd minnhom fik ma jista'
Lill-imħabba jagħmel ċaħda.

Il-ħaxix u s-siġar kollha
Ġmiel u ħdura jieħdu miegħek
U mill-art kull ma jitwieled
Ħobb donnu fiż-żmien tiegħek.

Iż-żagħżugħ bl-imħabba mimli
Fik iħoss li tikber qalbu
U jinġibed bl-akbar ħeġġa
Għala l-ħrara li tagħalbu.

Dan ukoll narah fl-agħsafar
Għax nifhimhom fil-li jgħannu
Dak il-għana biss ifisser
Li bl-imħabba huma jitħannu.

Jien ingħanni wkoll imħabbti
F'daż-żmien tiegħek, o Rebbiegħa,
Iżda x'naf... x'naf dil-imħabba?
X'naf tal-hena tiġix siegħa!......

Il-għanja ried itawwal, iżda lemaħ
Mill-bħid lil Liena ġejja, o ġmiel ta' Liena!
Wiċċ imgerbeb, għajnejn miksura suwed,
Fommha ħolqa, xufftejn ħarira ħamra,
Qamħet il-lewn ilħamha, tulha mdaqqas,
U f'dik il-għodwa (kien il-Ħadd imqaddes)
Ilbiesha kien sabiħ kif jixraq lilha.
Kellha f'rasha maktur abjad bħas-silġa
U ġlekk abjad ukoll li kien jirfdilha...
(Ma rridx ingħid, għax ix-xitan jindaħal:)
Ġeżwira ġdida li mill-ġenb lemini
Kienet mitbuqa b'żagarelli koħol,
U fuq drigħha x-xellugi mixħut kellha
Dublett ta' mitt lembuba, xogħol tagħha,
Imdaħħla fil-lemin kellha bixkilla
Mimlija ward u qronfol mill-lwien kollha,
Tfajjel ta' ġara magħha tmexxi kienet
U bih titwennes. Sa kemm laħqet Liena
Fejn Dovik lilha kien jistenna, dana
Jitla' u jinżel sikwit mal-ħsieb ta' moħħu
Daqqa jitbażża', jaqbad jimxi... jarġa'...
Fl-aħħar, kif mill-imħabba l-qalb titqawwa
Ġera għal fejnha u da' kien il-kliem tagħhom.

DOVIK

Aħfirli, aħfirli, Liena......
Ma da' l-erba' wardiet
Hudhom mn'idejja, Lien, f'ġieh is-smewwiet!
Wiċċek ma hux ħlief ħniena,
Issejjaħlix wiċċ iebes għax waqqaftek
Għax bħallikieku ħtaftek......
Iżda riġlejja wħidhom għalik ġrew
Hu da l-erba' wardiet, ħudhom iddew!......

LIENA

Jiena kont nifhem, ħija,
Li hi ħaġa ftit tqila
Li twaqqaf xebba hekk, ma kellek ħila!...
Il-ward int ġmajt għalija......
Ma ridtx kieku għal qalbek nuri qilla
'Ma ward għandi bixkilla:
Ilek bil-ħars xi ħaġa trid tgħarrafni
Ma darb'oħra, Dovik, xej la twaqqafni.

DOVIK

Dehritli ħaġa żgħira
Li natik dil-ħannieqa,
U nkellmek, ilha qalbi wisq mixtieqa!
Lien, teħodhiex bi kbira,
Għalik ġo qalbi trabba
In-nar, li ma nfissirx, ta' l-ogħla mħabba.

LIENA

Dovik, int qalbek miegħi
Ma kienx jixraq tiftaħha,
Għandi ommi, kellek tmur titħaddet magħha
Il-kliem tiegħek u tiegħi
Fieragħ, bla ġid jien nara,
U jista' lilna wkoll iġib il-ħsara.

DOVIK

Għad l'int ċanfartni, jiena
Bit-tama qed inħoss qalbi titgħalla.

LIENA

Lil ħadd ma ċċanfar Liena,
Kollox ikun jekk hu miktub imn'Alla.

DOVIK

Iżda ma nara ħtija
Li tiegħu dal-wardiet, ma jagħmel għajr...

LIENA

Biex ma tgħidlix kburija
Noħodhom, ġibhom haw, u niżżik ħajr.

LIENA

Jekk int għandek tgħix miegħi
Inkunu mhennijin.

## DOVIK

It-talb tiegħek ma' tiegħi
Jisma' s-sema l-ħanin.

Hieni Dovik mid-dinja xej' ma jfittex.
Tefagħha u laqat, ra li Liena tħobbu.
Fejn kienet sejra Liena hekk imżejna
F'dik il-għodwa? u għal fejn il-ward u l-qronfol?
Lejn Knisja kienet sejra fejn il-Festa
Kellha tintgħamel lill-Madonna: it-tajfa
Tax-xbejbiet kollha hemm kellha tinġama'
U kemm ward tagħti l-art żmien ir-Rebbiegħa
Newwlu x-xbejbiet sabiex il-Knisja jżejnu
U b'l-fwieħa jimlew, fwieħa tas-sema.
Dovik żmien ma tilifx; qalbu mar jiftaħ
Ma' raġel xiħ magħruf għat-tieba tiegħu,
U lil dan talab biex imur jitkellem
M'omm Liena u jgħarrafha b'dil-imħabba
Li ma kien fiha l-ebda għar jew tebgħa.
Omm Liena u dak ix-xiħ kienu wkoll xbejjen,
U dan kollu ferħan wassal il-ħotba
Lil bxintu li bil-ferħa lilu laqgħet.
Fuq Dovik tkellem, u, kif kien imissu,
Faħħru b'żagħżugħ mill-itjeb li fir-raħal,
Semma wkoll xi tumnejn li Dovik kellu,
Barra minn dak li għad k'Alla jrid, fuqu
Jaqa' wara għajn barbtu raġel għani.
Bil-għaqal kollu omm Liena żammet ruħha
U tweġibha ma tatx għall-egħrusija
Qabel ma rat il-fehma u l-qalb ta' bintha
U 'k għandhiex ġibda lejn Dovik. Mat-tifla
Tkellmet l-omm fuq ma qalla x-xwejjaħ xbinha
Iżda l Dovik la faħħret u la maqdret
Biet tara qalbha, u minnha tisma' sewwa
L'iva jew il-lè, jekk lilu tridx jew tbarri.
Għerf ma jinħtieġx biex tobsor Liena x'qalet
Meta ommha fuq Dovik kliem żammitilha:
Mistħija wieġbet, iżda għarfet ommha
Illi minn qalbha wieġbet. Żmien ma ntilef;
Ma' xbinha tkellmet l-omm, u ħbar il-ferħa
Intgħatat lil Dovik minn dak ix-xwejjaħ
B'dawn il-kelmiet: "Lewż u ġellewż ikollna
Bla ma ndumu, Dovik, Liena hi tiegħek!

Ommha qalitli li minn kliemha għarfet
Illi ma tridx ħlief lilek". Dovik thenna.
Ma' barbtu l-għani imbagħad fetaħ qalbu
(Dovik missier ma kellu u lanqas Liena)
U barbtu tqil ma sabx li lilu jżewweġ
Ma' Liena l-isbaħ xebba li fir-raħal:
Għal ommha bagħat u l-ftehima saret.
Ġie San Ġwann, u tar-rħula, kif kull sena,
Imżejnin il-Belt niżlu qtajja' qtajja'
Għall-Festa li fi żmien kienet tintagħmel
Bl-ogħla kburija u ferħ. Fost dawk kont tara
Żagħżugħ imdandan bil-għarusa miegħu
Imħennijin b'xulxin — Dovik u Liena.

## ŻEWĠ GĦARAJJES FI ĠNIEN

Ġewwa ġnien tal-isbaħ siġar,
Fost il-qronfol, fost il-ward......
Dawl il-qamar fuqu jiddi......
Tara kont ġenna tal-art!

Żewġ għarajjes mal-ħbieb tagħhom
Daħlu fiħ. il-hena żdied;
L-imberkin fuq il-kitarra
Hadu qabblu dal-għanjiet:

### L-GĦARUS

Ġmiel il-lejl kulħadd ifaħħar,
Qiegħed jien nithenna bih;
Iżda għandi xi ġmiel ieħor,
Li narah iżjed sabiħ.

Għandi lilek, Adelajde!,
Tal-imħabba għandi l-ħrara;
Għalhekk iżjed sabiħ, jiddi,
Jien f'għajnejja qiegħed nara.

### L-GĦARUSA

Lejl u nhar għalija wieħed,
Sabiħ kollox nara jien:
Nara d-dinja kollha hena
Meta nkunu t-tnejn flimkien.

(Fadal).